MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 24/2012

**Rikors Numru 24/2012**

**Nazzareno Vassallo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta CareMalta Limited**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

Illum 30 ta’ Mejju 2014

It-Tribunal

Ra r-rikors ta’ l-appell promotur datat 9 ta’ Marzu 2012 li permezz tieghu s-socjeta appellanti appellat mid-decizjoni datata 23 ta’ Frar 2012 permezz ta’ liema l-Kummissarju tat-Taxxi cahad l-oggezzjoni taghha ghax invalida u konsegwentement tablet it-thassir tal-likwidazzjoni ta’ taxxa (fuq dokumenti u trasferimenti) dwar trasferiment ta’ propjeta mmobbli favur l-appellant liema trasferiment sehh fil-25 ta’ Mejju 201; il-likwidazzjoni ta’ taxxa maghmula mill-Kummissarju hija datata 24 ta’ Jannar 2012.

Ra r-risposta ta’ l-appellant datata 10 ta’ April 2012 li permezz taghha ssottometta li l-likwidazzjoni hija gusta u timmerita konferma.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra il-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fis-16 ta’ Mejju 2014 meta t-Tribunal, wara li rrileva li mill-kuntratt ta’l-akkwist mertu ta’ dawn il-proceduri jidher li l-immobbli trasferiet gie akkwistat mis-socjeta Care Malta Group Limited fil-waqt li l-korrispondenza kollha esebieta in atti, inkluz  l-avviz ta’ likwidazzjoni, huma indirizzati lil u minn Care Malta Limited, issospenda il-prolazzjoni tas-sentenza biex il-partijiet jirregolaw ruhhom fir-rigward.

Ra li (f’dan ir-rigward) is-socjeta appellanti sostniet li hija ma kenitx parti fil-kuntratt ta’ l-akkwist ghalhekk kienet tezisti raguni ulterjuri ghat-thassir tal-likwidazzjoni ta’ taxxa fil-konfront taghha.

Sema’ it-trattazzjoni fuq dan il-punt.

Ra d-dokumenti esebieti u l-atti processwali.

Ikkunsidra

Illi dan l-appell gie intavolat wara li l-Kummissarju appellat illikwida taxxa u taxxa addizjonali u dan fir-rigward ta’ kuntratt ta’ bejgh li gie pubblikat fil-25 ta’ Mejju 2011 min-Nutar Dr Anne Marie Tonna.

Illi permezz ta’ dan l-att is-socjeta Care Malta Group Limited (C 2832) akkwistat, minghand certu Doriette Camilleri, il-fond Montefiorelea bil-prezz ta’ tlieta u disghin elf mija hamsa u sebghin Euro (€93,175.00).

Illi kontestwalment ma’ dan il-bejgh sar ftehiem, bejn Care Malta Group Limited (ix-xerrej), Doriette Camilleri (il-venditrici), ommha Rita Camilleri u Care Malta Limited (kumpanija ohra li tifforma parti mill-Care Malta Group of Companies), permezz ta’ liema l-prezz tal-bejgh ma giex mghoddi lill-venditrici Doriette Camilleri imma ghadda direttament ghand Care Malta Limited li da parti taghha obbligat ruhha li toffri residenza u servizzi ancillari lil Rita Camilleri tul hajjietha fid-dar (Casa Arkati) gestita minn dik is-socjeta u cioe Care Malta Limited.

Illi l-avviz ta’ trasferiment bil-hlas tat-taxxa provizorja u boll relattiv sar fit-30 ta’ Mejju 2011. Il-Kummissarju appellat, wara stima li saret minn perit inkarigat minnu (il-Perit Mario Axisa), stabilixxa l-valur ta’ dan il-fond f’l-ammont ta’ mija hamsa u tlettin elf Euro (€135,000.00) u hareg likwidazzjoni ta’ taxxa f’l-24 ta’ Jannar 2012.

Illi mill-kopja tieghu (esebieta a fol 5 tal-process) jirrizulta li l-avviz ta' likwidazzjoni ntbaghat lis-socjeta Care Malta Limited; f'l-istess avviz hemm imnizzel ukoll company registration number C 28382 li mhux il-company registration number tas-socjeta Care Malta Limited imma huwa r-registration number tas-socjeta Care Malta Group Limited.

Illi l-korrispondenza kollha li segwiet dan l-avviz, ir-rikors promotorju u l-atti l-ohra kollha sussewgwenti gew indirizzati minn u lil Care Malta Limited.

Ikkunsidra

Illi dwar l-izball f'l-isem il-Kummissarju appellat jikkontendi li la darba f'l-avviz imsemmi hemm il-company registration number tas-socjeta Care Malta Group Limited huwa irrilevanti li l-isem tal-kumpanija lil min gie indirizzat dak l-avviz huwa hazin.

Illi t-Tribunal ma jikkondividiex din it-tezi. L-Avviz ta'Likwidazzjoni huwa dokument importanti in kwantu, meta finali u konklussiv, jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Bhala tali irid jigi redatt bi precizzjoni b'mod li ma jkunx hemm ekwivoci dwar l-identita tal-persuna fil-konfront ta' liema johloq stat. B'l-istess mod kif persuna fizika, f'dokument bhal m'hu l-avviz in ezami, ghandha tigi identifikata b'isimha u mhux dak ta' hadd iehor, hekk ukoll persuna guridika, f'dan il-kaz kumpanija, ghandha tigi identifikata b'isimha u mhux dak ta' hadd iehor. In-numru ta' registrazzjoni ta' kumpanija, bhan-numru tal-karta ta' identita fil-kaz ta' persuna fizika, ma jista qatt jissostitwixxi l-isem imma huwa intiez biss bhala konferma ta' l-identita ta' dik il-persuna li trid tkun giet identifikata l-ewwel u qabel kollox permezz ta' isimha.

Illi da parti taghha s-socjeta appellanti tikkontendi li l-avviz in ezami gie indirizzat lilha (Care Malta Limited) pero la darba hija ma kenitx parti mill-kuntratt ta’ bejgh (fis-sens li hija m’akkwistat l-ebda propjeta) dak l-avviz ta’ likwidazzjoni ghandu jithassar ghaliex l-ebda taxxa m’hi dovuta minnha.

Illi kif diga aktar ‘l fuq huwa isem il-persuna (irrispettivament minn jekk hiex persuna fizika jew persuna giuridika) li jidentifikaha; ghalhekk it-Tribuanl jaqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta appellant li l-avviz in ezami gie indirizzat lilha u qed jimponi obbliga fiskali fuqha.

Illi pero mill-kuntratt ta’ bejgh a bazi ta’ liema giet likwidata taxxa u taxxa addizjonali (esebiet in atti bhala Dok NV3 a fol 37) jirrizulta ampjament li s-socjeta appellanti la bieghet u lanqas akkwistat xi propjeta immobbli (jew ta’ xort’ ohra) permez tieghu. Ghalhekk it-trasferiment li sehh permezz ta’ dak il-kuntratt ma seta’ qatt ipoggi xi oneru fiskali (naxxenti mill-Kapitolu 364) fuq s-socjeta appellanti; isegwi li qatt ma setghet tigi imposta taxxa u taxxa addizzjonali ai termini tal-Kapitolu 364 fuq is-socjeta appellanti.

Illi konsegwentement kull likwidazzjoni ta’ taxxa fil-konfront tas-socjeta appellanti b’rabta mal-kuntratt datat 25 ta’ Mejju 2011 ghandha tigi mhassra hekk kif ghandha tigi mhassra id-decizzjoni li permezz taghha cahad l-oggezzjoni tas-socjeta appellant ghal dik il-likwidazzjoni.

Illi fir-rikors promotur u waqt it-trattazzjoni ta’l-appell, qabel ma giet sospieza l-prolazzjoni tas-sentenza, is-socjeta appellanti qajjmet aggrvji ohra li fuqhom kienet qed tibbaza t-talba taghha, aggravji konnessi mal-mertu u relatati primarjament mal-valutazzjoni ta’l-immobbli trasferiet. It-Tribunal huwa tal-fehma li, in vista tal-fatt li t-talba ghat-thassir tal-likwidazzjoni ser tigi milqugha ghar-ragunijiet fuq premessi, mhux biss ikun ezercizzju inutili li jigu kkunisdrati dawk l-aggravji ukoll, imma t-Tribunal lanqas ghandu jidhol f’l-aggravji l-ohra sollevati.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-appell interpost id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 23 ta’ Frar 2012 u kull likwidazzjoni tat-taxxa mahruga kontra s-socjeta appellanti b’rabta mal-kuntratt ippublikat fil-25 ta’ Mejju 2011 u jirrevoka u jannulla l-istess imsemmija decizjoni u likwidazzjoni b’l-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Ai termini ta’ l-Artikolu 58(4) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta’ din id-decizjoni, tad-data taghha u ta’ dak li effettivament gie deciz jintbaghat lid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------